EUROPA TOURS

**11 – 15 ta’ Mejju 2027**

**5 T’IJIEM • ESKURSJONIJIET INKLUŻI**

# Switzerland’s Lakes & Alpine Wonders

Skopru l-ġmiel tal-Iżvizzera f’dan il-vjaġġ mimli bliet storiċi, lagi mill-isbaħ, villaġġi pittoreski u xenarji Alpini spettakolari.

Spiez • Lake Thun

## It-Tlieta 11 ta’ Mejju – Bern

Niltaqgħu fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta f’12.00 għat-titjira diretta tal-KM Malta Airlines KM490 lejn Zurich, li titlaq fl-14:15 u tasal fl-16:45. Wara li niġbru l-bagalji, nitilqu bil-kowċ lejn Bern, il-kapitali sabiħa tal-Iżvizzera, fejn niġu akkomodati fil-Hotel Kreuz 3star, u tinsab fiċ-ċentru ta’ Bern, ftit passi miċ-ċentru storiku.

## L-Erbgħa 12 ta’ Mejju – Bern, Rose Garden u Murten

Breakfast, flimkien nagħmlu mixja fiċ-ċentru storiku ta’ Bern. Niskopru s-seħer ta’ din il-belt, bit-toroq medjevali tagħha, il-binjiet storiċi u l-famuża torri tal-arloġġ, iż-Zytglogge. Wara nofsinhar inżuru r-Rose Garden, ġnien sabiħ minn fejn nistgħu ngawdu veduta mill-isbaħ fuq is-soqfa ta’ Bern u x-xmara Aare. Inkomplu lejn Murten, belt medjevali sabiħa fuq ix-xatt tal-lag bl-istess isem. Hawn ikollna ħin biex nimxu fit-toroq pittoreski tagħha u ngawdu l-atmosfera kwieta ta’ dan il-post. Wara nirritornaw lejn il-hotel tagħna.

## Il-Ħamis 13 ta’ Mejju – Thun, Spiez u Blausee

Wara l-breakfast nitilqu għal eskursjoni ta’ ġurnata mimlija xenarji sbieħ. L-ewwel inżuru Thun, belt attraenti fejn nistgħu ngawdu ċ-ċentru storiku tagħha u l-veduti lejn il-muntanji. Inkomplu lejn Spiez, lokalità mill-isbaħ fuq ix-xatt tal-Lag Thun, magħrufa għall-bajja pittoreska u l-kastell tagħha. Wara mmorru l-Blausee Nature Park (dħul extra), park sabiħ imdawwar bis-siġar u l-muntanji. Hawnhekk nistgħu nimxu mal-mogħdijiet qalb in-natura u ngawdu l-ġmiel tal-Lag Blausee, magħruf għall-ilma ċar kristall u l-kulur blu impressjonanti tiegħu. Fil-lag nistgħu naraw ukoll it-trota tgħum fl-ilma ċar.



Blausee Nature Park

### Il-Ġimgħa 14 ta’ Mejju – Glacier 3000 u Gstaad

Nitilqu għal ġurnata oħra fost ix-xenarji spettakolari tal-Alpi Żvizzeri. Immorru lejn Glacier 3000 (cable car extra) fejn inkunu nistgħu ngawdu l-veduti impressjonanti tal-muntanji u l-glaċieri. Wara nkomplu lejn Gstaad, villaġġ Alpin eleganti u pittoresk, magħruf għad-djar tradizzjonali tal-injam u t-toroq sbieħ tiegħu. Ikollna ħin biex nimxu madwar iċ-ċentru u ngawdu l-atmosfera ta’ dan il-post sabiħ, qabel nirritornaw lejn il-hotel.

### Is-Sibt 15 ta’ Mejju – Solothurn

Wara l-breakfast nitilqu lejn Solothurn, belt storika sabiħa fuq ix-xmara Aare, magħrufa għall-binjiet Barokki u t-toroq pittoreski tagħha. Ikollna ħin biex ingawdu l-aħħar ftit sigħat fl-Iżvizzera qabel inkomplu lejn l-ajruport ta’ Zurich. Minn hawn nitilqu bit-titjira diretta tal-KM Malta Airlines KM491, li titlaq fis-17:40 u tasal Malta fit-20:00.

## Prezz kull persuna

**Prezz Skontat • Eskursjonijiet u Taxxi nklużi**

| | |
|---|---|
| Kamra ta’ tliet persuni | **€1090** |
| Kamra ta’ żewġ persuni | **€1110** |
| Kamra ta’ persuna waħda | **€1270** |
| Tfal sa 11-il sena ma’ żewġ adulti | **€990** |

### Prezz jinkludi

Titjira mal-KM Malta Airlines għal Zurich
20kgs Check-In Luggage + Hand Luggage
Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
(entraturi u cable cars mhux inklużi)
4 iljieli – Hotel Kreuz Bern 3 star fiċ-ċentru
Breakfast Buffet kontinentali
Taxxi tal-ajruport • Tour Leader
Insolvency Protection

### Prezz ma jinkludiex

City Tax
Kull tip ta’ entratura, cable cars, boat trips, trains etc.

*Jista’ jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom.

**Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali**